**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 216/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**vs**

**Alfred Ellul**

Seduta tal-10 ta' Dicembru, 2018

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Alfred Ellul, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 207673M akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-26 t'Awwissu 2017 għall-ħabta ta' 04:20hrs ġewwa Tornadoes Football Club, fi Triq il-Knisja, Xgħajra;

1. Daqq jew ippermetta li tindaqq mużika wara l-23:00hrs ġewwa l-imsemmi post mingħajr liċenzja ta' l-Awtorita' Kompetenti;

2. Ħalla lil min idoqq strumenti mużikali jew id-daqq ta' xi mużika reġistrata b'xi mod li jkun, jew l-amplifikazzjoni ta' dik il-muzika b'xi mezz elettroniku, elettriku jew ieħor mingħajr permess;

3. Ippermetta jew ħalla f'dan il-ħanut jsir kant jew ħsejjes li setgħu idejqu b'xi mod ieħor jiddisturbaw lil ġirien

4. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju;

5. Aktar talli opera stabbiliment li jipprovdi l-ikel mingħajr liċenzja mill-awtorita' tat-turiżmu ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb dak il-warrant, liċenzja, permess jew awtorita', għall-perjodu ta' żmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq skond it-termini tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-16 t'April, 2018 li biha wara ammissjoni kkundannat lill-appellat għal multa ta' mitt euro €100;

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata, billi filwaqt li **tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontrih, tgħaddi sabiex **tirrevoka** l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena li ngħatat fil-konfront tal-appellat u tipprosegwi sabiex tinfliġġi piena li hija fil-parametri tal-liġi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat

1. Illi l-Avukat Ġenerali iressaq gravam wiehed fil-lanjanza tieghu dwar is-sentenza appellata senjatament dwar il-piena erogata kwantu l-aħħar imputazzjoni. Huwa jirreferi għall-Kap 409 tal-Liġijiet ta' Malta u b'mod partikolari għall-artikolu 45(4), l-artikolu 43(1)(a) u l-artikolu 2 biex jispjega li l-piena minima erogabbli kienet ferm aktar minn dik kominata mill-ewwel Qorti;
2. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, izda, din il-Qorti qed tissolleva n-nullita' tas-sentenza appellata u dan ghaliex hija karenti fir-rekwiziti mehtiega *ab nullitatem* ta' sentenza valida fit-termini tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. L-ewwel Qorti naqset milli tosserva r-rekwiziti msemmija f'dan l-artikolu stante li naqset milli tiddikjara lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u ghaddiet biex teroga piena minghajr din id-dikjarazzjoni. Ghal din ir-raguni, s-sentenza appellata qed tkun dikjarata nulla;
3. Illi kif kostantement deciz mill-Qrati taghna, meta sentenza tkun dikjarata nulla, l-aggravji tal-appell ikunu konsiderati bhala sottomissjonijiet u hekk ser jigri ukoll f'dan il-kaz fejn l-appellat kien rregistra ammissjoni;
4. L-Avukat Ġenerali jargumenta illi fit-termini tal-artikolu 45(4) tal-Kap 409 huwa ghandu dejjem id-dritt ta' appell u dwar dan ma hemm l-ebda kontestazzjoni. L-istess appellant jargumenta illi bid-definizzjoni ta' '*stabbiliment tal-ikel*' '*kull bini, lokal jew stabbiliment ieħor, inkluż kull kjosk, ikun kif ikun deskritt, li jipprovdi b'kumpens ikel u, jew xorb inkluż kull inbid u spirtu għall-konsum.*' L-attivita' gestita mill-appellat hija kompriza u ghalhekk huwa applikabbli l-artikolu dwar il-piena erogabbli,

igifieri ta' mhux anqas minn 1164.69 Ewro u mhux aktar minn 23,293.73 Ewro.;

5. Ezaminat il-Kapitolu 409, jemergi illi l-Avukat Generali ghandu ragun f'din is-sottomissjoni u stante li l-appellat kien rregistra ammissjoni dwar kull imputazzjoni, jonqos biss li din l-ammissjoni tkun riflessa f'sentenza valida segwita bil-piena skond il-ligi;

6. Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi ssib lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u wara li rat r-Regolament 9, Tieni Skeda tal-LS 441/07, SL 10.09 regolament 22 u 23, Art 338 (dd) u 17 tal-Kap 9 u Art 18(1) u 43 tal-Kap 409 , tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elf u tliet mitt ewro (1,300.00). Inoltre, fuq talba tal-prosekuzzjoni, qed tiskwalifika lill-appellat milli jkollu jew jottjeni kwalsiasi licenzja ghal-gestjoni ta' stabbiliment li jipprovdi l-ikel ghal zmien sitt xhur mil-lum.